# COSMANA NAVARRA
# FONDATRICI U BENEFATTRICI

*mill-Kan. Ġwann Azzopardi*

Billi fi żminijietna s-sehem tal-mara fis-socjeta qed jingħata mportanza kbira, tajjeb li natu tagħrif storiku dwar waħda mill-ewwel nisa Maltin li fi żmienhom taw kontribut socjali konsiderevoli. COSMANA NAVARRA. Dan aħna r-Rabtin nagħmluh ukoll b'sens ta' rikonoxxenza għax Cosmana kienet il-fondatrici u benefattrici tal-Knisja tagħna ta' San Pawl li għandna llum, waħda mill-ewwel knejjes barokki li nbnew f'pajjiżna.

### Il-Familja Cumbo-Navarra

Cosmana kienet ir-raba' wild ta' Dr. Giovanni Cumbo u Cornelia Navarra li żżewġu fl-1597, jiġifieri 32 sena biss wara l-Assedju l-Kbir. Il-koppja Cumbo-Navarra kienet rispettata ħafna fis-socjeta' u kellha ħbiberija ma bosta nies prominenti mill-kleru, mill-kavalieri u minn nobilta'. Dan jidher car mill-għażla tal-parrinijiet u xhieda fil-magħmudiji u żwieġ ta' wliedhom. Biex nagħtu eżempju, l-parrinu ta' l-ewwel tarbija tal-koppja Cumbo-Navarrra, li kienet iġġib l-isem ta' Faustina (3.9.1598), kien l-arcidjaknu tal-Katidral Don Alberto Bonnici, waqt li l-parrinu tat-tieni wild Ugolino (24.2.1600) kien l-ispanjol Signor Giovanni Benegos, aktar tard magħruf bħala l-eremita tal-Grotta ta' San Pawl, li ma kienx ilu li ġie igħix f'Malta. L-għażla ta' Beneguas bħala parrinu kienet motivata minn żewġ fatturi: l-ewwelnett l-element komuni Spanjol - għax bħalma Beneguas kien Spanjol, hekk ukoll il-familja Navarra kienet ta' oriġni Spanjola, u t-tieni, devozzjoni tal-familja Cumbo-Navarra lejn il-Grotta ta' San Pawl - għax fil-fatt iż-żewġ ġenituri, Dr. Giovanni kif ukoll Cornelia, it-tnejn indifnu fil-Knisja ta' San Pawl. Ulied oħra ta' din il-familja kienu Federico, Scolastica, Cosmana u Andreotta. Waqt li l-ewwel tlieta huma reġistrati fl-arkivju Parrokkjali tal-Kattidral, it-tlieta l-oħra s'issa ma rnexxilniex insibu fejn tgħammdu, minkejja li fittixna l-Imdina, San Pawl tal-Belt u l-Birgu. Jidher li Cosmana twieldet madwar is-sena 1600 għax ic-certifikati tal-mewt tagħha datat 30 ta' Jannar 1687 igħid li kellha 87 sena.

### Żwieġijiet ta' Cosmana

Cosmana bħal ommha żżewġet ta' eta' żgħira; żewġha kien Dr. Melchior Vella Cagliares, u ż-żwieġ sar fil-15 ta' Novembru 1615. Ix-xiehda tat-tieġ kienu tlett personaġġi prominenti, l-Kaptan tal-Virga Gregorio Xerri, Fra Salvatore Imbroll, membru prominenti ta' l-Ordni ta' San Ġwann, u Gio. Maria Cassia. Fl-istess okkażjoni tat-tieġ ta' Cosmana, fil-Katidral saru wkoll is-solennitajiet tat-tieġ ta' ħuha Ugolino li żżewweġ lil Ursola, oħt żewġha Melchior.

Dr. Melchior, ir-raġel ta' Cosmana, kien illawrjat fil-liġi civili u ekkleżjastika, u kellu tlett sacerdoti bħala zijiet tiegħu (ħut ommu, Maddalena): dawn kienu l-Isqof ta' Malta Fra Baldassare Cagliares, Fra Giovanni Battista - Ġiżwita, u Fra Gio. Maria - Dumnikan. Ħu Melchior, Giovanni Battista, lawrjat fit-Teoloġija u fil-Liġi Kanonika u Civili, kien il-Vigarju Ġenerali tad-Djocesi, waqt li Melchior innifsu kien l-assessur tal-Kurja.

Minn dan iż-żwieġ twieled tifel wieħed, Injazju, madwar is-sena 1620. Wara disa' snin żwieġ, Cosmana tilfet lil żewġha li miet fit-18 t'Ottubru 1624 u ndifen fil-kappella privileġjata tal-Katidral. Meta miet kien jokkupa



*Il-kwadru ritratt ta' Cosmana Navarra, xogħol il-pittur Ġannikol Buhagiar li jinsab fis-sagristija tal-Kolleġġjata. (Ritratt: C. Sammut).*

l-kariga ta' assessur tal-Kurja ta' l-Imdina. Qabel miet, għamel it-testment tiegħu fit-23 ta' Settembru 1624 fl-atti tan-Nutar Andrea Allegritto u ħalla bħala werriet universali tiegħu lil ibnu Injazju ta' 4 snin, u ħalla bħala kuraturi tiegħu u ta' ġidu lill-istess Cosmana, martu u omm Injazju, kif ukoll lin-Nutar Andrea Alban. Aktar tard dan it-tifel sar Ġiżwita, u studja l-filosofija f'Napli fejn kien magħruf minn kulħadd għall-għerf tiegħu.

Is-sinjura Cosmana żżewġet għat tieni darba fit-22 ta' Ġunju 1625 fil-Katidral lil Signor Lorenzo Cassar bin il-mejjet Mikiel. Iż-żwieġ sar fil-Kappella tad-dar ta' Cosmana ġewwa l-Imdina. Fost ix-xiehda kien hemm Don Santoro delo Piscopo.

Fl-4 t'April 1640 hija kellha l-isfortuna li titlef lill-binha Fra Injazju li wara marda qasira miet bit-tiżi. Ftit ġranet qabel, fit-30 ta' Marzu, bil-permess tas-superjuri tiegħu huwa għamel it-testment wisq sabiħ tiegħu li fih ħalla bħala werriet universali tiegħu lill-Kulleġġ ta' Malta u ħalla wkoll xi legati, li minnhom insemmu biss tnejn. Lill-ommu Cosmana, issa miżżewġa Cassar, ħallielha d-dar kbira li fiha kienet qed tgħix fl-Imdina (minn dan jidher li kienet propjeta' ta' l-ewwel raġel tagħha Melchior Vella Cagliares; se nitkellmu fuqha aktar il-quddiem) u lill-Kulleġġ tal-Ġiżwiti ħallielu legat li jagħmel statwa tal-fidda tal-Beatu Injazju Conzaga (kien għadu ma sarx qaddis) biex iwettaq wegħda li kien għamel. Din l-istatwa ma jidherx li saret. Fra Injazju indifen fil-Kunvent ta' Napli.

Fis-26 ta' Novembru 1660 Cosmana tilfet ukoll lil żewġha Lorenzo u għal aktar minn 26 sena oħra għexet bħala armla sa jum mewtha li semmejna aktar il-fuq, 30 ta' Jannar 1687. Ma kelhliex tfal mit-tieni żwieġ tagħha iżda rabbiet fid-dar tagħha u ħadet kura specjali ta' iben l-iskjava tagħha Marietta. Dan kien iġib l-isem ta' Mose', u sar sacerdot, u kien l-ewwel beneficjarju tal-ġuspatronat ta' San Anton Abbati, li Cosmana waqqfet fil-parrocca tagħna. Ommu Marietta mietet sewwa sew tlett xhur wara Cosmana (18 ta' April 1687) fl-eta' ta' 65 sena waqt li binha Don Mose' miet fl-eta' ta' 50 sena fis-27 ta' Settembru 1715 u jinsab midfun fil-qabar tal-beneficcju fil-kappellun ta' San Anton.
żwieġ Cosmana għamlu wkoll donazzjonijiet lil diversi Knejjes, fir-Rabat u f'postijiet oħra.

## Rikonoxximent tal-merti ta' Cosmana

Nsemmi biss żewġ fatti li jixhdu dan l-apprezzament.
(1) Il-kwadru pittura ta' Cosmana tagħha, opra dokumentata u ritratt sabiħ tal-pittur Malti Gannikol Buhagiar, tqiegħed mingħajr ebda tfixkil fis-sagristija tal-Knisja, minkejja l-fatt li m'hux kwadru ta' persuna ekkleżjastika. Dan il-fatt ifakkarna f'incident żgħir li ġara fil-Kolleġġjata ta' S. Pawl tal-Belt. Fl-1761, il-markiz Giliberto Testaferrata ipprotesta ma' l-Isqof għax il-kwadru ta' zitu Camilla Testaferrata kien tneħħa mis-sagristija tal-knisja minħabba l-fatt li dik ma kenitx persuna ekkleżjastika waqt li l-kwadru ta' Cosmana Navarra kien tħalla. B'riżultat ta' dil-protesta l-kwadru ta' Camilla reġa tqiegħed f'postu.

(2) Madwar is-sena 1670 inqalgħat tilwima bejn it-Tribunal tar-Reverenda Fabrica ta' San Pietru f'Malta u l-familja ta' Cosmana Navarra. Ġara li Cosmana kienet wirtet xi artijiet u ġid ieħor m'għand il-qraba tagħha l-aħwa Isabella u Giacomo Muscat u fuq dawn il-beni kien hemm xi legati piji, piżijiet li Cosmana kellha d-dmir twettaq. Ir-Reverenda Fabrica kienet attenta wisq biex tara li jitwettqu l-legati piji u f'kas li dawn ma jitwettqux fiż-żmien stipulat, kellha d-dritt tikkonfiska l-beni. Hekk ġara f'dan il-każ. Maqrusin b'din l-azzjoni, il-qraba ta' Cosmana appellaw lill-Kongregazzjoni tal-Fabrika ta' Ruma kontra d-deciżjoni tat-Tribunal f'Malta. Daħal fiha l-Kardinal Barberini nnifsu li wara li studja l-każ fit-28 ta' Ġunju 1670 informa t-Tribunal ta' Malta bid-deciżjoni


*Il-Knisja ta' San Pawl kif mibnija minn Cosmana. Id-dar tagħha tidher fuq ix-xellug. (Ritratt: R. Ellis).*

tiegħu: in vista tal-beneficenzi li Cosmana kienet għamlet f'Malta, jingħatala kollox lura, u jtuha aktar żmien biex twettaq l-obbligi kollha tal-legati piji li kien dmir tagħha li twettaq. Deċiżjoni li fil-waqt li ma tgħalaqx għajnejha għall-obbligi li kellhom jitwettqu, turi apprezzament u rispett għall-ġid socjali li Cosmana wettqet.

### L-oriġni tal-Familja Navarra f'Malta

Għidna li l-familja Navarra hi ta' nisel Spanjol. Kif bdiet f'Malta u kemm kienet ilha fostna meta twieldet Cosmana?

L-ewwel Navarra li wasal Malta kien Andrea fil-bidu tas-seklu 15. Ġie hawnhekk minn Sqallija li bħal Malta kienet tifforma parti mis-saltna Spanjola ta' Navarre. Ġara li fis-sena 1413 ir-Regia Secrezia ta' Sqallija offriet somma flus lil certu Giovanni Navarra bil-kundizzjoni li jibgħat wieħed minn uliedu f'Malta.

Din kienet pratika komuni fost ir-renjanti, u kienet issir bi skop li r-renjanti ikollhom ħbieb fidili li jiddefenduhom fil-pajjiżi fejn jibgħatuhom. Giovanni accetta u bagħat f'Malta lill ibnu, hawn fuq imsemmi Andrea, li kien il-baruni ta' Miraglia (1453) u ta' Casal Ċarbone (1457) u li fl-1453 sar ukoll il-Gvernatur ta' Għawdex.

Andrea, l-ewwel Navarra f'Malta, iżżewweġ lil Pawla Pontremoli. Wieħed minn uliedhom kien Ugolino li żżewweġ lil Eliżabetta d'Alagona. Minn dil-koppja tnissel Paolo li żżewweġ lil Cornelia Mannara u nissel iben li semmieh għal nannuh Ugolino. Dan Ugolino fl-1572 żżewweġ lil Isabella Cassia, il-ġenituri ta' Cornelia Navarra, omm is-sinjura Cosmana. Din Cornelia li tgħammdet fil-Matrici t'Għawdex fis-26 t'Ottubru 1585, kienet wisq devota ta' San Pawl u għalkemm kienet tgħix l-Imdina riedet li tiġi midfuna fil-Grotta ta' San Pawl fir-Rabat.

### L-opra principali ta' Cosmana Navarra

L-aqwa' opra ta' Cosmana kien it-tkabbir u l-bini mill-ġdid, kompletament bi flusha, tal-Knisja Parrokkjali ta' San Pawl tar-Rabat. Ix-xogħol beda fis-sena 1653 u tlesta 30 sena wara fl-1683. Cosmana kellha x-xorti li tara dan il-proġett jibda, tmexxih hi, tarah jitlesta għal kollox u tgawdih ukoll għal erba' snin qabel mietet fit-30 ta' Jannar 1687.

L-għażla u twettiq ta' dan il-proġett ambizzjuż jitlob li nagħmlu fuqu certi kummenti.

1. Għalkemm Cosmana bil-familjari tagħha minn naħa ta' missiera Dr. Cumbo, ommha Cornelia, l-ewwel raġel tagħha Vella Cagliares u t-tieni raġel Cassar, kienet midħla sew ta' l-aristokrazija u n-nobilta' ta' Malta, l-imħabba u l-preferenzi tagħha kienu għall-popolin u n-nies ordinarji tas-socjeta' Maltija. San Pawl tar-Rabat ma kienx il-knisja tad-dinjitarji ekkleżjastici, l-aristokratici u n-nobbli, imma l-knisja tal-poplu.
2. Minn naħa l-oħra kien sar urġenti l-bżonn li titkabbar u tissebbaħ il-knisja ta' San Pawl tar-Rabat. Il-Grotta hekk għażiża ta' San Pawl, imħaffra fil-blat, sas-sena 1619 kienet dejjem tagħmel parti mill-Knisja Parrokkjali ta' San Pawl mibnija fuqha min-naħa tal-ġenb tagħha iżda fis-sena li semmejna l-Ordni ta' San Ġwann irnexxielu jakkwista l-Grotta (li allura nfirdet mill-Parrocca) u fuqha jibni knisja oħra aktar moderna, dik ta' San Publiju, u ħdejha bini kbir, il-Kulleġġ, bħala kunvent għal patrijiet ta' l-Ordni li bdew jofficcjaw il-Grotta. Kemm il-kunvent u kemm il-knisja ta' San Publiju nbnew fl-istil ġdid barokk, hekk imponenti li kien dieħel f'pajjiżna, u l-Ordni qabbad għal dan ix-xogħol l-aħjar arkitetti, fosthom Buonamici, kif ukoll żejjen dan il-bini b'opri ta' l-arti. B'paragun, San Pawl, li kien il-parrocca tar-Rabat, beda jinħass fqir u antikwat sewwa. Patri Pelagio igħid li l-Knisja ta' S. Pawl kienet "torturata" miż-żmien l-assedji. Cosmana Navarra li kellha gosti tajbin bħal tant Maltin oħra dan ħassitu żgur u kienet hi li bil-ġenerożita' tagħha u b'ġidha affrontat din l-isfida u tatna kapolavur ta' arkitettura barokka.
3. Dan il-kapolavur huwa mhux biss mertu tal-arkitetti, l-imgħallmin u l-artisti li żejnuh, imma

fuq kollox frott tal-prudenza, s-sens komun u l-għaqal tagħha. Minkejja d-differenzi kbar ta' ġurisdizzjoni li bdew iqumu bejn id-Djocesi u l-Ordni wara s-sena 1619, biex ikun hemm armonija arkitettonika fil-proġett, Cosmana għażlet bħala arkitett lill-istess arkitett li kien qabbad l-Ordni, jiġifieri lil Francesco Buonamici li fis-sena 1646 kien tqabbad mir-rettur Fra Girolamo Mamo biex jibni l-Kulleġġ. Buonamici għamel il-pjanti u disinji preparattivi tal-Knisja li fil-faccata tagħha inkorpora wkoll il-Knisja ta' San Publiu. Il-kompless arkitettoniku ta' S. Pawl, S. Publiju u l-Kunvent hu l-akbar xogħol ta' Buonamici.

Min-naħa l-oħra l-proġett ambizzjuż ta' Cosmana ħoloq il-ħtieġa li l-Ordni jkabbar mill-ġdid għat-tieni darba l-Knisja ta' S. Publiju u l-inġinier ta' l-Ordni Mederico Blondel bl-istess sens komun, għażel bħala arkitett lill-arkitett Malti Lorenzo Gafa' li wara t-tluq ta' Buonamici minn Malta kien qed jibni l-Knisja ta' S. Pawl. Dan kien fis-sena 1665.

L-istess prudenza u għaqal intwerew għal darb'oħra fi tmiem ix-xogħol meta Cosmana ikkummisjonat it-titular grandjuż tan-nawfraġju ta' S. Pawl, opra tal-pittur Malti Stefano Erardi. Wara dak il-kapolavur, il-Kolleġġjali ħassewhom kostretti jgħollu l-livell tat-titular tagħhom, li kien għadu statwa tal-injam ndurata, għolja xi seba' piedi, ta' San Publiju. Għal dan l-iskop qabbdu l-kavalier Mattia Preti, l-aqwa pittur ta' żmienhom. Ftit wara, l-werrieta ta' Cosmana Navarra wara mewtha, qabbdu lill-istess pittur ipinġi l-kwadru ta' San Stiefnu fil-Knisja ta' San Pawl.

Dawn l-inizjattivi ma għandniex inħarsu lejhom tant bħala pika għajjura u partiġjana, imma aktar minn hekk bħala emulazzjoni ġustifikata li ħalliet frott pożittiv għal ġid tal-kompless arkitettoniku tal-Knisja tagħna.

Mhux il-kas li f'dan l-artiklu nirrepeti dettalji li ġa ktibt fuqhom fl-artiklu tas-sena 1983 ta' l-"**Festi Tagħna**", iżda se nagħti biss informazzjoni qasira dwar il-bini tal-Knisja ta' San Pawl b'xi kummenti ġodda.

Il-bini tal-knisja l-ġdida ta' San Pawl beda wara l-festa tas-sena 1653. Dan ngħiduh għax ftit ġranet qabel, fit-3 ta' Ġunju l-isqof Balaguer għamel il-Vista pastorali fir-Rabat u ma semma xejn dwar il-bini. Iżda meta żar mill-ġdid il-Knisja fit-18 t'April 1656 huwa ddeskriva li s-sagristija u t-tribuna kienu imwaqqgħin, u kien jonqos li tinbena l-koppla u l-kappelluni. Faħħar ukoll ħafna lil Cosmana Navara u żewġha Lorenzo Cassar. Jidher li l-kappellun ta' S. Anton beda jinbena kmieni s-sena ta' wara għax f'att notarili fl-atti ta' Pasquale Debono, fil-25 ta' Frar 1657, in-neputi ta' Cosmana, Ugolino, bin Andreotta, ta l-permess li tinħatt il-kappella ta' San Anton li kien hemm fic-cimiterju biex flokha isir l-artal ta' San Anton fil-Knisja l-ġdida u ħalla wkoll xi somma flus għal manteniment tiegħu.

Ix-xogħol li nbeda fl-1653 kien ġa waqaf għal kollox fl-1662 għax ma jisemma xejn fil-Vista pastorali li saret fil-5 ta' Ġunju; u seta' waqaf wisq qabel. Għaliex waqaf? Jew għax inqala xi saram jew għax l-ispiża kienet kbira wisq u kien meħtieġ in-nifs biex jinsabu aktar fondi.

Żgur li x-xogħol reġa' tkompla mid-19 ta' Jannar 1664, kif jirriżulta mill-ftehim notarili li Cosmana għamlet fis-16 ta' April mal-bennejja Lorenzo Gafa' u Pawluccju Farmusa għal ispiża ta' 1700 skud biex titkompla l-Knisja, titħaffer il-karnierja u jitkompla l-kampnar li minnu kienet ġa tlestiet parti. B'xorti tajba għandna żewġ disinji tal-artist Olandiż Willem Schellinks li kien f'Malta mill-21 ta' Settembru sat-30 t'Ottubru 1664 u li pinġa l-knisja minn barra. Għalkemm bejn Jannar u Ottubru 1664 kien sar xogħol ġdid, nistgħu bejn wieħed u ieħor inqisu d-disinji ta' Schellinks, bla koppla u bil-kampnar mhux komplut, bħala dokument ta' l-ewwel fażi tal-Kostruzzjoni tal-Knisja qabel ma raġa' beda x-



*Dettal mill-kwadru li juri lil Cosmana Navarra bil-pjanta tal-Knisja f'idejha. Dan jinsab imdendel fl-Awla Capitolari fil-Mużew tal-Kulleġġ. (Ritratt: J. Scerri).*

xogħol. Sena wara, sewwasew fis-7 ta' Jannar 1666, l-Isqof Balaguer fil-Vista tiegħu jikkumenta li l-knisja, li jsejħilha manjifika, kienet pratikament lesta, bil-kappellun ta' San Anton mibni għal kollox.

Iżda din il-knisja kellha biss kappellun wieħed u kulħadd kien rassenjat, l-aktar Cosmana, li fiċ-ċirkostanzi wieħed kellu jistenna għal meta forsi tinqaleb il-folja biex jinbena dak tan-naħa l-oħra, dak ta' S. Stiefnu. Għax l-arja tiegħu, sewwa sew wara l-artal maġġur ta' S. Pubbliju kien propjeta' ta' l-Ordni, u donnu l-Gran Mastru kellu pjanijiet oħra u forsi ma kienx tant ferħan li l-knisja l-Ġdida se titfi l-knisja tiegħu.

Cosmana kompliet issebbaħ il-Knisja bit-titular famuż ta' Erardi li tlesta fis-sena 1678 u biz-zuntier stupend li tlesta s-sena ta' wara, 1679. Is-sena ta' wara, 1680, ġabet ferħ kbir lil Guzmana, għax fit-2 ta' Mejju nħatar il-Granmastru l-ġdid, Fra Nicola Cotoner, u dak inhar stess ikkonceda lil Guzmana, l-propjeta' tiegħu li kellha bżonn biex tibni l-kappellun l-ieħor, dak ta' San Stiefnu. Il-Kummissarju tax-xogħolijiet ta' l-Ordni talab li biex isir dan, Cosmana tibni sagristija ġdida u tagħmel modifika fil-prospettiva ta' l-artal Maġġur ta' San Pubbliju, kif fil-fatt għamlet meta bniet dik is-sagristija sabiħa li hemm illum. Fit-tmiem tax-xogħol hija bniet mhux biss il-faccata tal-Knisja tallum iżda wkoll iż-żewġ ġnub l-oħra, li jatu għal S. Publiju u għaz-zuntier.

Ta' min ifakkar hawnhekk li fil-bidu ta' din l-opra tagħha Cosmana sabet il-kooperazzjoni ta' żewġha Lorenzo Cassar li fit-testmant tiegħu tat-18 ta' Dicembru 1654 ħalla żewġ legati sostanzjali, ta' 400 skud u 803 skud, għal bini tal-Knisja ta' San Pawl li bdiet martu.

Kien hemm xi ħaġa li nikktet lil Cosmana fil-ħajja tagħha, dik li ma setgħetx taqta' xewqtha li twaqqaf Kolleġjata fil-Knisja tagħha. Fit-testment tagħha tad-19 ta' Novembru 1666 (mimli legati lil knejjes fir-Rabat u postijiet oħra) hija titkellem fuq it-twaqqif ta' dil-Kolleġjata li għaliha ħalliet kapital u artijiet. Għaliex ma twaqqfitx huwa misteru; jingħad għax riedet garanzija li f'mewtha tindaqq il-qampiena l-kbira - ħaġa li ħassew li skond id-Dritt Kanonku qatt ma setgħet tingħata. Iżda huwa wkoll possibli li l-fondi offerti ma kienux tant sostanzjali li jkopru l-ispiża meħtieġa għat-twaqqif tagħha. Żgur li fil-25 ta' Awissu 1675, f'att notarili hija biddlet il-fehma li twaqqaf Kolleġġjata u minflok iddecidiet li twaqqaf ġuspatronat lajkali fil-Kappellun ta' S. Anton, fejn tinsab ukoll midfuna.

Diversi oġġetti ta' fidda, paramenti sagri, drappijiet u damaski, kwadri u oġġetti oħra li ħalliet lill-Knisja ġew inventarjati b'att notarili u għaddew lill-Knisja mill-werrieta tagħha fis-sena 1692.



*Il-maskra tal-mewt tax-xemgħa li turi l-profil tan-nobbli Cosmana Navarra. Illum tinsab fil-Mużew tal-Kulleġġ Wignacourt. (Ritratt: J. Scerri).*

**Tifkiriet ta' Cosmana fir-Rabat**

Fil-parrocca għandna żewġ kwadri taż-żejt bir-ritratt tagħha, wieħed minnhom kważi kontemporanju, li sar fl-1735 minn Gannikol Buhagiar, għandha wkoll il-maskra tax-xemgħa li tirriproduci wiccha, għandha diversi armi tagħha fl-injam, fil-ġebel (kampnar u zuntier), fl-irħam u fil-fided li ħalliet, kif ukoll Martiroloġju datat 1673 b'qoxra tal-ġild li ġġib l-arma tagħha mnaqqxa bid-deheb fil-ġild (donazzjoni ta' Mons. Ġio. Pio Briffa Brincati). Fir-Rabat għandna triq imsemmija għaliha kif ukoll parti sostanzjali mid-dar tagħha, illum mibdula f'restaurant, restawrata ferm tajjeb u li fiha hemm kamra b'numru ta' ritratti u kopji ta' dokumenti fuq il ħajja u l-ħidma tagħha.

*Ħajr: Anton Azzopardi, Mons. Alwiġ Deguara, J. Attard Montalto.*